**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAGISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

Illum, 17 ta' Jannar 2018

Rikors Numru 244/2017 GM

Rimus Trading Agency Limited

-vs-

Joseph Sammut (ID 277782M)

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' Rimus Trading Agency Limited ippreżentat fit-30 t'Awwissu 2017 li permezz tieghu talbet lill-intimat biex ihallas is-somma ta' ghaxart elef disa mija u wiehed u sebghin Euro u seba centezmi (10,971.07) rappresentanti l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u lilu kkonsenjata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini ta' l-artikolu 166A tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 2314/2016, u bl-imghax kummercjali dekorribbli mit-18 ta' Dicembru 2015, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-intimat, debitament notifikat, ma pprezenta l-ebda risposta u lanqas deher ghall-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2017 ghalkemm dehret l-avukat tieghu u nfurmat lill-Qorti li l-konvenut jinstab marid;

Ikkunsidrat:

Illi l-intimat ma gieb l-ebda prova li tabilhaqq kien ma jiflahx u, ghalkemm l-avukat tieghu offriet li jingieb certifikat mediku iktar tard, din il-Qorti mhix propensa li taccetta certifikati bhal dawn wara li tkun inzammet is-seduta billi spiss isiru abbuzivament jew leggerment u huma kawza ta' dewmien bla bzonn f'kawzi essenzjalment sommarji;

Illi l-avukat tal-intimat ma pprezentat l-ebda eccezzzjoni kif setghet facilment taghmel;

Semghet id-deposizzjoni *viva voce* ta' Lawrence Mifsud, Financial Controller tas-Socjeta` rikorrrenti li kkonferma l-kreditu dovut u esebixxa kont iddettaljat (Dok LM-1);

**Decide**

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors promotur kontra l-konvenut, bl-imghaxijiet kif mitluba, u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

Mag. Grazio Mercieca